# QORTI TA' L-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A. (HONS) LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 19**

**Citaz. Nru. 231/00GV**

**Carmel u Maryrose konjugi Chircop**

**vs**

**John u Lynda Joyce konjugi Vella**

**Il-Qorti;**

**<u>L-att tac-citazzjoni</u>**

L-atturi pprocedew kontra l-konvenuti bis-segwenti att tac-citazzjoni li bih talbu l-kundanna taghhom biex jersqu ghall-pubblikazzjoni ta' att ta' trasferiment ta' immobbli fuq konvenju redatt fis-27 ta' Lulju, 1999.

> "L-atturi ippremettew illi nhar is-27 ta' Lulju 1999 quddiem in-Nutar Mario Bugeja kien sar konvenju bejn l-atturi u l-konvenuti rigward il-bejgh u t-trasferiment tal-fond li jgib l-isem ta' Randa Farmhouse, Triq iz-Zebbiegh, Mgarr proprjeta' tal-konjugi Vella a favur tal-konjugi Chircop;

Premess illi dan il-konvenju kien validu ghal sitt xhur u ghalhekk it-terminu skada fl-20 ta' Jannar, 2000;

Premess illi l-konjugi Vella naqsu milli jersqu ghall-att finali quddiem in-Nutar Bugeja;

Premess illi l-konjugi Chircop fid-19 ta' Jannar, 2000 pprezentaw ittra ufficjali biex jinterpellaw lill-konjugi Vella biex jersqu ghall-att finali;

Ghadldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, l-atturi talbu lil din il-Qorti:-

1. Tordna lill-konjugi Vella biex jersqu ghall-imsemmi att finali quddiem in-Nutar Mario Bugeja;

2. Tiffissa data, lok u hin meta dan l-att finali ghandu jsir;

3. Fin-nuqqas, tappunta avukat, jew persuna ohra, sabiex jidher fuq l-att finali ghan-nom tal-konjugi Vella."

**<u>Eccezzjonijiet</u>**

Il-konvenuti hekk eccipew ghat-talbiet attrici:-

"1. In-nullita' tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Jannar, 2000 diretta mill-atturi lill-konvenuti eccipjenti ghaliex m'hix ritwali billi ma gietx akkompanjata minn zewg kopji konsimili, wahda kull wiehed u wahda mill-eccipjenti, u dan bi ksur tas-subartikolu (2) tal-artikolu 174 tal-Kodici ta' Oranizazzjoni u Procedura Civili;

2. Salv u mpregudikat il-premess, it-talbiet attrici m'humiex sostenibbli ghaliex fic-citazzjoni tonqos il-prova madre li hija l-konvenju imsemmi fl-istess citazzjoni, u li ma giex esebiti bi ksur tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) tal-artikolu 156 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;

3. Salv u mpregudikat il-premess, in-nullita' ta' l-istess att ta' konvenju ghaliex affett minn difett ta' kunsens."

**Decide**

B'sentenza in parte tal-11 ta' Dicembru, 2000 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti billi cahditha bl-ispejjez kontra taghhom.

**Motivazzjoni tas-sentenza appellata**

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

> "Il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-ewel eccezzjoni tal-konvenuti dwar in-nullita' ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Jannar, 2000 diretta mill-atturi lill-konvenuti ghaliex m'hiex ritwali billi ma gietx akkompanjata minn zewg kopji konsimili, wahda kull wiehed u wahda mill-eccipjenti u dana bi ksur tas-subartikolu (2) tal-art 174 tal-Kap 12 (ara fol 18). Huma ghamlu riferenza ghal hlas li hemm fuq l-ittra ufficjali li tindika li harget notifika wahda 50c.
>
> L-atturi qed jissottomettu li skond l-artikolu 1357 (2) tal-Kap 12 li hi ligi specjali li ghandha tipprevali fuq il-ligi generali Art 174 hu necessarju jigi prezentat l-att in termine u mhux in-notifika.
>
> L-art. 1357 (2) jipprovdi li l-effett tal-weghda ta' bejgh jispicca meta jaghlaq iz-zmien miftiehem bejn il-partijiet ghal hekk jew, jekk ma jkun hemm ebda ftehim bhal dak, meta jghaddu tliet xhur minn dakinhar li l-bejgh ikun jista' jsir, kemm il-darba l-accettant ma jsejjahx lil dak li wieghed, b'att gudizzjarju prezentat qabel ma jghaddi z-zmien applikabbli kif intqal qabel, sabiex jaghmel il-bejgh, u kemm il-darba, fil-kaz li dak li qieghed jonqos li jaghmel hekk, it-talba b'citazzjoni sabiex titwettaq il-weghda ma tigix ipprezentata fi zmien tletin jum minn meta jaghlaq l-imsemmi zmien.
>
> Fil-kaz ta' preskrizzjoni ta' atti, li per analogija jista' japplika anke ghal kaz bhal dak prezenti, att gudizzjarju jinterrompi l-preskrizzjoni anke jekk jigi notifikat wara li jkun ghadda z-zmien

tal-preskrizzjoni, purche' n-notifika ssir mhux aktar tard minn xahar mill-gurnata ta' l-iskadenza taz-zmien.

Meta l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni ssir b'domanda gudizjali hija ugwalment applikabbli r-regola illi n-nuqqas ta' notifika ma tinfirmax l-effetti ta' l-interuzzjoni (PA Borg vs Nicolle, 5.12.35 Vol 29 p2 p828).

Ghalhekk trid issir distinzjoni bejn l-att rinnovattiv ta' l-azzjoni u l-att ezekuttiv taghha, ghal dak li jirrigwarda n-notifika taz-zewg atti. Dak l-att gudizzjarju ez ittra ufficjai jinterrompi l-perjodu tal-preskrizzjoni li jkun ghaddej u jirrinova d-dritt ta' azzjoni tal-kreditur, b'mod illi l-perjodu preskritiv ghall-attwazzjoni ta' l-azzjoni jerga' jibda ghaddej minn dakinhar. Meta mbaghad l-azzjoni tkun giet ezercitata, wiehed ma jistax jitkellem aktar fuq il-preskrizzjoni tad-dritt ghall-azzjoni gudizzjali. Ghalhekk l-azzjoni ezercitata ma tistax tigi preskritta ghax l-azzjoni tkun giet ezercitata u jekk l-att ezekutorju ta' dik l-azzjoni ma jigix notifikat lid-debitur jew jigi notifikat lill-debitur wiehed bhal ma huwa f'dan il-kaz, din ma ggibx in-nullita' ta' l-ittra ufficjali."

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Qabel tibda l-konsiderazzjonijiet taghha l-Qorti tinnota illi l-atturi appellati ipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet kif awtorizzati jaghmlu pero' baqghu ma nnotifikawhiex lill-avukat tal-kontro parti. Lanqas indenjaw ruhhom ihallsu notifika. Il-Qorti qed ghalhekk tiddikjara n-nota irritwalment prezentata, ma tiehux konjizzjoni taghha u tisfilzaha.

Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza. Huma ssottomettew illi ghalkemm l-ittra ufficjali pprezentata mill-atturi appellati kienet maghmula kontra z-zewg konvenuti John u Lynda Joyce Vella, dik l-ittra ufficjali ma kienet qatt intiza li tigi notifikata liz-zewg persuni. Dan jirrizulta pruvat (a) mid-direzzjoni tal-istess ittra ufficjali, (b) min-numru

ta' kopji prezentati ma' l-istess ittra ufficjali ghan-notifika u (c) mill-hlas li sar fir-Registru ghan-notifika wahda ta' l-istess ittra ufficjali. Effettivament kienet saret biss notifika wahda lil "John Vella et" u dana bi procedura li tmur kontra d-dispost ta' l-artikoli 174 u 185 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

L-appellanti jissottomettu illi skorrettement l-Ewwel Qorti wara li ddikjarat illi kienet saret notifika wahda ta' l-ittra ufficjali "applikat per analogija l-kaz tal-preskrizzjoni fejn att gudizzjarju jinterrompi l-preskrizzjoni anke jekk jigi notifikat wara li jkun ghadda z–zmien purke' n-notifika ssir mhux aktar tard minn xahar mill-gurnata tal-iskadenza taz-zmien". Inoltre rriteniet illi kienet applikabbli r-regola illi "n-nuqqas ta' notifika ma tinfirmax l-effetti tal-interuzzjoni". Isostnu pero' li hawn non si tratta ta' preskrizzjoni imma ta' dekadenza. "Jekk min irid jixtri ma jsejjahx lil min iwieghdu biex jersaq ghall-kuntratt b'att gudizzjarju huwa jiddekadi mid-dritt li jaghmel l-azzjoni. Bl-istess mod huwa jiddekadi jekk ma jaghmilx l-azzjoni fi zmien tletin jum u l-ebda att ma jista' jinterrompi dak it-terminu bhal fil-kaz ta preskrizzjoni."

Din il-Qorti ghalissa ser tissofferma fuq dan l-aggravju ghaliex kien evidenti illi jekk hi korretta l-konsiderazzjoni ta' l-Ewwel Qorti illi kien bizzejjed biex l-atturi isalvaw l-effetti tal-konvenju fil-konfront tal-konvenuti illi jipprezentaw l-ittra ufficjali qabel id-dekorriment taz-zmien bonarjament konvenut u cioe' sa l-20 ta' Jannar, 2000 u li ma kienx

mehtieg illi dik l-ittra ufficjali tigi notifikata mill-konvenuti allura l-aggravju ta' l-appellanti ma jkunx jista' jigi sostnut. Ikun ukoll inutili ghal din il-Qorti illi tindaga jekk kenitx jew le regolari n-notifika ta' l-istess att gudizzjarju jew jekk il-mittenti appellati kienux jew le intenzjonati illi jinnotifikaw lil kull wiehed miz-zewg konjugi appellanti b'kopja separata ta' l-istess att.

Huwa applikabbli ghall-kaz taht ezami s-subinciz (2) ta' l-artikolu 1357 tal-Kodici Civili. Dan hekk jipprovdi:-

"L-effett ta' din il-weghda (ta' bejgh) jispicca meta jaghlaq iz-zmien miftiehem bejn il-partijiet ghal hekk jew jekk ma jkun hemm ebda ftehim bhal dak, meta jghaddu tlett xhur minn dakinhar li l-bejgh ikun jista' jsir. Kemm il-darba l-accettant ma jsejjahx lil dak li wieghed b'att gudizzjarju prezentat qabel ma jghaddi z-zmien applikabbli kif intqal qabel sabiex ghamel il-bejgh u kemm il-darba fil-kaz li dak li jwieghed jonqos li jaghmel hekk, it-talba b'citazzjoni sabiex titwettaq il-wieghda ma tigix prezentata fi zmien tletin jum minn meta jaghlaq l-imsemmi zmien.

Il-fatti rilevanti ghad-determinazzjoni ta' l-eccezzjoni huma dawn:-

(1) Il-konvenju gie ffirmat fis-27 ta' Lulju, 1999.

(2) Il-konvenju kellu validita' sa l-20 ta' Jannar, 2000 sa liema data kellu jigi ppubblikat il-kuntratt finali.

(3) Fid-19 ta' Jannar, 2000 giet prezentata ittra ufficjali mill-atturi appellati kontra l-konvenuti appellanti li biha dawn ta' l-ahhar gew interpellati sabiex jersqu quddiem in-Nutar biex jigi pubblikat il-kuntratt finali ghall-bejgh u trasferiment tal-proprjeta' imsemmija fl-istess konvenju, liema kuntratt kellu jigi pubblikat minn Nutar Dottor Mario Bugeja.

(4) Li l-ittra ufficjali giet notifikata lil John u Lynda Joyce konjugi Vella billi l-Purtier Raymond Falzon iddikjara illi hu kien innotifika lil "John u Lynda Joyce konjugi Vella fis-26 ta' Jannar, 2000 b'kopja ta' ittra bil-posta b'registrazzjoni numru 354 …….". Mhux kontestat mill-atturi appellati illi effettivament sar il-hlas u notifika ta' kopja wahda lill-konjugi Vella.

(5) L-att tac-citazzjoni gie prezentat fis-7 ta' Frar, 2000.

Minn dawn il-fatti, il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet preliminari:-

1. Filwaqt li l-ittra ufficjali giet ipprezentata qabel ma ghadda z-zmien miftiehem bejn il-partijiet ghall-validita' tal-konvenju, jirrizulta li dik l-ittra ufficjali, kemm jekk hi valida kemm jekk ma kenitx, giet notifikata wara l-gheluq tat-terminu tal-konvenju bonarjament miftiehem.

2. Mill-banda l-ohra, l-att tac-citazzjoni sabiex titwettaq il-weghda giet prezentata miz-zewg atturi kontra z-zewg konvenuti entro z-zmien ta' tletin jum minn mindu ghalaq it-terminu tal-validita' tal-konvenju u ghalhekk dan ir-rekwizit tas-subinciz (2) ta' l-Artikolu 1357 certament gie osservat.

Dan stabbilit, jibqa' biss x'jigi deciz jekk kienx f'dawn ic-cirkostanzi bizzejjed li l-ittra ufficjali interpellatorja biex il-konvenuti jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt li tigi prezentata jew kenitx mehtiega ad validitatem in-notifika ta' dak l-att gudizzjarju qabel ma jiskadi t-terminu effettiv tal-konvenju u dan taht piena tat-telfien tal-jedd ta' azzjoni biex tigi mwettqa l-weghda ta' bejgh.

Issa, qari akkurat tas-subinciz (2) ta' l-artikolu 1357 kellu jwassal ghall-konvinciment illi l-ligi tesigi illi l-att gudizzjarju li bih l-accettant isejjah lil dak li wieghed sabiex jaghmel il-bejgh kellu jigi prezentat qabel ma jghaddi z-zmien effettiv tal-konvenju. Ma tesigix pero' illi tali att gudizzjarju kellu bilfors jigi notifikat lil dak li wieghed qabel ma jiddekorri dak it-terminu. Qabel l-emenda li saret ghal dan l-artikolu bl-Att XXVII tal-1976 kien hemm incertezza dwar x'kienet il-posizzjoni f'dan ir-rigward u l-gurisprudenza kienet tiddistingwi bejn il-kazijiet fejn il-kontraenti ma jkunux stabbilew terminu effettiv tal-konvenju u fejn allura kien applikabbli t-terminu statutorju u dawk il-kazijiet fejn il-kontraenti ikunu invece stabbilew bonarjament it-terminu effettiv tal-

konvenju. Fejn it-terminu kien stipulat, kif hu fil-kaz taht ezami, kien ritenut illi kien bizzejjed li tigi prezentata citazzjoni biex tigi evitata d-dekadenza sakemm din tigi hekk prezentata fi zmien ragjonevoli. Billi z-zmien stipulat kien jiddekorri favur min wieghed "era per tanto necessario che fosse trascorso tutto il periodo stipulato per che il citato potesse ritenersi come inadempiente con'azione guidiziaria……… Il fatto che l-istanza venne avanzata …….. pochi giorni dopo la scadenza del trimestre stipulato ……… non puo' dar luogo all'inamissiblita' dell'azione opposta dal citato. L'azione come si e' rilevato non poteva espedirsi entro il termine e che venne promossa senza alcun inutile indugio." (Vol XXV.i.773)

L-emenda tal-1976 kienet intiza proprju biex tnehhi dan id-dubju ta' interpretazzjoni mhux biss dwar it-tifsira ta' x'kellu jkun iz-zmien ragjonevoli ghall-prezentata tac-citazzjoni bl-imposizzjoni ta' terminu perentorju ta' tletin jum minn meta jaghlaq il-konvenju imma wkoll biex tigi eliminata d-distinzjoni bejn l-effetti gjuridici fil-kaz fejn il-konvenju ikollu terminu stipulat u fil-kaz fejn dan ikun prezunt fil-ligi. Sakemm saret dik l-emenda kienet il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati illi z-zmien prezunt stabbilit statutorjament kien konsidrat bhala terminu preskrittiv u allura seta' jigi interrot jew sospiz, filwaqt illi dak bonarjament konvenut kien konsidrat bhala wiehed ta' dekadenza li allura jimporta telfien tal-jeddijiet appena jiskadi (Ara fost ohrajn Vol. XXIX.ii.831, Vol. VIII.816, Vol. XXV.i.773. Vol. XXVI.ii.452, Vol. XXVIII.i.8, Vol.

XXXIII.i.90, Vol. XXXVI.ii.578 u ohrajn fosthom zewg sentenzi tal-Prim'Awla "Vassallo vs Camilleri" deciza fit-23 ta' Marzu, 1966 u "Busuttil vs Pullicino" deciza fis-27 ta' Gunju, 1968).

Bhala effett ta' l-emenda citata id-distinzjoni bejn tip ta' konvenju u iehor giet imnehhija kif giet eliminata wkoll l-incertezza dwar l-effetti gjuridici taz-zewg tipi ta' konvenji u safejn setghu jibqghu effettivi u kif setghu jigu moghtija effett. Fil-verita', il-legislatur assigura fiz-zewg kazijiet bi kjarezza sa liema zmien seta' jibqa' effettiv konvenju kemm jekk dan kellu zmien stipulat u kemm jekk ma kellux. Regoli li japplikaw identikament ghal zewg tipi ta' konvenju. B'dan il-mod giet evitata l-possibilita' li l-obbligazzjoni tkun wahda perpetwa billi mpona terminu perentorju dekorribbli b'margini ben definiti li ma setghax jigi mgedded jew imtawwal. In effetti kemm jekk il-konvenju jkollu terminu miftiehem bonarjament kemm jekk ma jkollux, il-parti li riedet li zzomm il-konvenju fis-sehh u taghtih effett, kienet obbligata li qabel jiskadi t-terminu jkun li jkun, b'att gudizzjarju prezentat qabel ma jghaddi dak it-terminu issejjah lill-parti l-ohra biex tersaq ghall-kuntratt u dan kellu bil-fors jigi segwit entro tletin jum minn mindu jaghlaq iz-zmien, jkun liema jkun, bl-att tac-citazzjoni.

Kienet allura korretta l-Ewwel Qorti meta rriteniet illi fl-istat tal-ligi kif inhi llum kien bizzejjed illi jigi prezentat l-att gudizzjarju qabel jiskadi t-terminu tal-konvenju u dana biex l-accettant isejjah lil dak li wieghed

biex jersaq skond il-weghda ghall-pubblikazzjoni ta' l-att u biex jafferma l-intenzjoni tieghu li jipprocedi ulterjorment skond is-subinciz (2) ta' l-artikolu 1257. Una volta il-ligi ma tesigix li tali att ikun notifikat lill-parti imma tesigi biss li entro z-zmien qasir ta' tletin jum, dan l-att gudizzjarju jigi segwit bl-att tac-citazzjoni sabiex titwettaq il-weghda, din il-Qorti ma tqisx illi tista tiddekreta t-telfien tal-jeddijiet naxxenti mill-weghda ta' bejgh, bin-nuqqas ta' notifikata ta' l-istess atti. Del resto din ukoll kienet il-posizzjoni legali qabel l-emenda bl-Att XXVII ta' l-1976 u l-gurisprudenza hi f'din is-sens konkordi. Anke allura illi kien bizzejjed illi l-att gudizzjarju ikun gie prezentat qabel id-dekorriment tat-terminu soggett pero' illi l-att tac-citazzjoni ikun gie prezentat fi zmien ragjonevoli. Il-ligi llum hi aktar cara u linejari. Tiddefinixxi x'inhu dan iz-zmien ragonevoli u kien allura bizzejjed biex l-accettant jippreserva l-jeddijiet tieghu illi jkun ipprezenta l-att gudizzjarju qabel ma skada t-terminu u li jkun isegwiha bl-att tac-citazzjoni fi zmien statutorju. Naturalment il-fatt li l-ittra ufficjali ma tkunx giet notifikata lil dak li jkun wieghed jista' jkollha rilevanza fil-konsiderazzjoni tal-kap ta' l-ispejjez.

Fil-kaz taht ezami sewwa jigi notat illi f'kull kaz l-atturi agixxew tempestivament fiz-zmien verament qasir, anqas minn tmint ijiem, bil-prezentata ta' l-att tac-citazzjoni u anke hawn il-vot tal-ligi gie sewwa osservat. L-emenda bl-Att XXVII ta' l-1996 kienet intiza proprju biex ticcara l-konfuzjoni illi kienet inholqot taht il-ligi precedenti u biex tirrazzjonalizza l-istitut tal-promessa ta' bejgh billi tintroduci zewg regoli

semplici applikabbli ghal kull forma ta' konvenju fejn si tratta terminu tal-validita' tieghu biex tassigura li ma jkunx hemm telfien tal-jeddijiet minn naha l-wahda u ma jkunx hemm il-possibilita' ta' konvenji miftuhin bla terminu jew jistghu imgedda indefinittivament. Is-sentenza ta' din il-Qorti kellha allura tirrifletti proprju dan l-ispirtu legislattiv li jibbenefika c-certezza ta' dritt u jirrendi inutili dibattitu approfondit ta' aspetti dottrinali li llum ma ghadhomx aktar applikabbli ghad-disposizzjoni taht ezami.

Stabbilit dan, din il-Qorti ma tara ebda utilita' ili tiddiskutti aspetti ohra fl-aggravju ta' l-appellanti li jirrigwardaw il-validita' o meno tan-notifika ta' l-ittra ufficjali lill-appellati. L-appell ghalhekk ma jistax jigi sostnut.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigu michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez kontra l-appellanti.  L-atti qed jigu rimessi lill-Ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

Dep/Reg

cb